**152. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal- Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lill-Fondazzjoni għar-Rijabilitazzjoni tad-Drogati art u bini f'San Blas limiti ta' Ħaż- Żebbuġ, Malta kif huma deskritti aħjar fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż- żmien, biċ-ċens u taħt il- kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi hu maħsub fil- paragrafu (c) tas- subartikolu (1) ta' l- artiklu 3 ta' l-Att ta' l- 1976 dwar it-trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat- trasferimenti";

U billi huwa xieraq li t- trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad- Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art u bini f'San Blas limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, jiġu mogħtija lill-Fondazzjoni għar-Rijabilitazzjoni tad- Drogati għaż-żmien, għall- iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemm- ija fl-abboz imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

06.06.1989